**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs.**

**Emanuel Camilleri**

Kaz Numru: 447/2016

Illum 29 ta' Settembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Emanuel Camilleri** iben Benedict u Frances nee' Grech, imwieled fis-17 ta' Dicembru 1953, residenti fil-fond 'Emmad', Triq il-Latini, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 4354(G), akkuzat talli nhar id-29 ta' Marzu 2016 ghall-habta tal-4.20p.m. u fil-hinijiet ta' qabel gewwa Ghadira, limiti ta' Kercem, Ghawdex u/jew f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer;

1. Ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (L.S.549.42) mhux skont dawn ir-Regolamenti u mhux skont il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija bi ksur tar-regolament 4(1)(a) L.S.549.42;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza xbieki bi ksur ta' regolament 7 (1) (e) tal-L.S. 549.42;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur meta ma kellux licenzja adatta ghal dik l-attivita' mahruga lilu taht ir-regolament dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi bi ksur ta' regolament 12(10) tal-L.S.549.42;

Il-Qorti giet mitluba li bis-sahha tar-regolament 27 tal-A.L. 79 hekk kif emendat (L.S.549.42), barra li taghti l-piena skont il-Ligi, tordna l-konfiska tal-Corpus Delicti u s-sospensjoni jew r-revoka ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perijodu applikabbli.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

Semghet lill-imputat Emanuel Camilleri jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontrieh wara li kienu xehdu x-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni inkluz rapprezentanti tal-CABS Fiona Borrows, Roger Little u Anne Maria Ruijters li

ddentifikaw lill-imputat fuq mansab fid-29 ta' Marzu 2016 ghall-habta tal-4.20p.m. gewwa l-inhawi maghrufa bhala l-Ghadira, limiti ta' Kercem, Ghawdex. L-imputat kien diga' se jammetti qabel xehdet Anne Maria Ruijters fuq suggeriment tal-avukat difensur tieghu izda hu sfida lill-Qorti biex jekk trid titfghu l-habs, tant li l-Qorti sabitu hati ta' disprezz ghall-attegjament tieghu. Il-multa tad-disprezz inhaffret wara li l-imputat skuza ruhu.

Il-Qorti fid-decizjoni taghha rat s-sentenza tal-Qorti tal-Appell il-**Pulizija vs Joseph Axiak** fejn dik il-Qorti tkellmet dwar kif ghandha ssir l-identifikazzjoni tal-persuna li tkun qieghda twettaq ir-reat. F'dan il-kaz l-imputat kien identifikat kemm bi stills minn filmat li ttiehed mir-rapprezentanti tal-CABS kif ukoll mill-istess xhieda Roger Little u Anna Maria Ruijters.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fuq ammissjoni, wara li rat ir-Regolamenti 4(1)(a), 7(1)(e), 12(10) tal-L.S. 549.42, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' tlett elef ewro (€3000.00), liema multa ghandha tithallas mitt ewro (€100) fix-xahar wara li l-Qorti laqghet it-talba tad-difiza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta bl-ewwel skadenza tkun t-30 ta' Ottubru 2016, b'dan illi kemm il-darba l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi;

Il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tal-kacca u l-insib tal-imputat Emanuel Camilleri ghal zmien sentejn mil-lum.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**